# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2018

**Kawża Nru: 29**

**Rikors Revoka Nru: 716 / 17 JA**

**Lighthouse Communications Limited (C21425)**

**-vs-**

**Insignia Cards Limited (C54426)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjeta' Lighthouse Communications Ltd datat 31 ta' Lulju 2017 fejn qed titlob ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru in kwistjoni a bażi tal-artikoli 836 (1) (f) u 1 (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi qed titlob ukoll ordni ta' żbank tal-flus depożitati minnha fir-reġistru tal-Qorti u li ssir garanzija da parti tas-soċjeta' Insignia Cards *ai termini* tal-Artikolu 838A tal-istess Kap 12.

Illi naturalment din is-soċjeta' appena msemmjia qed topponi għal din it-talba.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-mandat inħareġ f'Marzu 2015 u bħalissa hemm pendenti arbitraġġ bejn il-kontendenti. Kif qalet din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **"Spiteri vs Darmanin"** (25 ta' Awwissu 2010);

*Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat.*

Illi l-istess Qorti f'dawk il-proċeduri qalet ukoll;

*"Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat****, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ13. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

Illi l-Qorti eżaminat ir-rikors tal-imsemmija soċjeta' Insignia Cards Limited u jidher ċar li ma hija ndikata ebda ċirkostanza li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat li tista' twassal għar-revoka jew tibdil tal-kundizzjonijiet tal-mandat. Il-Qorti tirravvisa wkoll li ġja' sar tentattiv ieħor simili u li ġie miċħud minn din il-Qorti fis-17 ta' Diċembru 2015. Fil-fehma kkunsidrata tagħha, dan ir-rikors jista' jkollu eżitu pożittiv biss jekk il-Qorti tirriskontra xi tibdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad it-talbiet kontenuti fir-rikors a spejjeż tal-istess soċjeta' Insignia Cards Limited.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |